## 25 ta' April, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Avukat Dr. Filippo Nicolo' Buttigieg *versus* Paolo Grech

### Taxxa — Titolu Eżekuttiv — Kanonizzazzjoni ta' Kreditu — Proċedura — Spejjeż Ġudizzjarji

*Huwa veru li taxxa hija titolu eżekuttiv, u li għalhekk min għandu taxxa ma għandux bżonn ta' titolu ieħor biex jeżegwixxi l-kreditu tiegħu; imma dan ma jfissirx illi, għax għandu dik it-taxxa, l-azzjoni tiegħu għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tiegħu hija proposta nullament. Għax ma hemm ebda ostakolu għad-domanda tal-kreditur għall-dik il-kanonizzazzjoni, għalkemm huwa jkollu ġa titolu ieħor; biss, meta jagħmel il-proċedura tal-kanonizzazzjoni, li hi aktar dispendjuża, hu għandu jħallas l-ispejjeż differenzjali li jikkaġuna lid-debitur bil-proċedura aktar dispendjuża li hu jkun għażel.*

*U dan il-prinċipju hu aktar ta' forza meta t-titolu li ġa għandu l-kreditur mhux ipotekarju.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, wara li jippermetti illi huwa, b'mandat ta' sekwestru tat-18 ta' Novembru, 1954, ikkawtela l-pagament tal-kreditu infraskritt; u illi l-konvenut ma pprestax il-kunsens għall-pagament tiegħu; jitlob illi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, il-konvenut jiġi kundannat iħallsu l-ammont ta' £53. 14. 7d. għal drittijiet u spejjeż dovuti lilu bħala difensur tal-konvenut fil-kawża "Michele Grech vs. Paolo Grech et.", deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Ottubru 1954, skond l-annessa taxxa.

Bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att, u bl-ispejjeż, komprıżi dawk tal-mandat ta' sekwestru tat-18 ta' Novembru 1954;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha jgħid illi l-attur qiegħed jitlob il-kanonizzazzjoni ta' kreditu riżultanti minn taxxa; illi proċeduralment l-attur imissu jinnotifikalu l-imsemmija taxxa biex jirrendiha titolu eżekuttiv, u mbagħad jaġixxi eżekuttivament. Għaldaqstant huwa jitlob illi jiġi liberat "ab observantia"; bl-ispejjeż. Salvi l-eċċezzjonijiet fill-meritu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, rigward l-eċċezzjoni tal-konvenut;

Illi din l-eċċezzjoni mhijiex sostenibbli. Hu veru illi l-attur għandu titolu eżekuttiv suffiċjenti, u ma għandux bżonn ta' titolu ieħor; imma dan ma jfisserx illi d-domanda tal-attur hi nullament proposta. Għaliex ġie ritenut diversi drabi fill-ġurisprudenza tal-Qorti Tagħna illi ma hemm ebda ostakolu għad-domanda tal-kreditur għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu, għalkemm ikollu titolu ieħor; biss, meta jagħmel il-proċedura tal-kanonizzazzjoni, li hi aktar dispendjuża, huwa għandu jħallas l-ispejjeż differenzjali li jikkaġuna lid-debitur bil-proċedura aktar dispendjuża li huwa jkun għażel (Vol. XXIX-III-310; XXXI-III-217). Anzi, skond il-ġurisprudenza ta' dawn l-istess Qrati anterjuri għal dik ġa ċitata, jinsab stabbilit illi, għalkemm l-att kontrattwali hu titolu eżekuttiv, il-kreditur għandu d-dritt li jipproċedi għall-kundanna tal-kreditur għall-kreditu riżultanti minn dak l-att (Vol. XIV, 422; XV, 425; XVII-III-44; XXVII-III-478). U dan il-prinċipju għandu aktar forza meta jkun jittratta minn titolu li, bħal fil-każ taħt konsiderazzjoni, ma jkunx ipotekariu; għaliex, kif iddeċidiet dina l-Qorti fl-20 ta' Ġunju, 1896 fil-kawża fl-ismijiet "Goggi vs. Fenech", "è lecito, secondo la legge, al creditore il cui titolo è esecutivo, di procedere alla canonizzazione del suo credito, invece di eseguire il titolo, non solo in vista del disposto nell'articolo 183 numero 2 delle Leggi di Procedura Civile (il-lum art. 162 Kap. 15 LL. ta' Malta), ma anche perchè il creditore il cui titolo non è ipotecario, ha inte-

resse di ottenere l'ipoteca giudiziale e di procurarne la conservazione" (Vol. XV, 542);

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu. Il-kawża tibqa' differita għas-seduta tal-11 ta' Mejju 1955, għat-trattazzjoni tagħha fill-meritu.

---